MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 94/1993/2

**Rikors numru 94/93B**

**Carmelo Vella, Josephine Vella, Francis Vella, Paul Vella, Evelyn Galea u zewgha Vincent Galea bhala kap tal-kommunjoni ta' l-akkwisti bejnu u martu**

**vs**

**Victor Felice**

Il-Qorti

Rat is-sentenza tat-30 ta' Jannar 2001 tal-Bord li Jirregola l-Kera fil-kawza fl-ismijiet fuq indikati fejn intqal :-

"*Il-Bord,*

*Ra* <u>*r-rikors*</u> *fejn l-esponenti wara li qalu li;*

*huma jikru lill-intimat il-fond 132, Cross Raod, Marsa bil-kera ta' Lm65 fis-sena li jithallsu kull sitt xhur bil-quddiem fl-1 ta' Awissu u fl-1 ta' Frar;*

*l-intimat kiser il-kundizzjonijiet tal-kirja billi ghamel tibdil fil-fond minghajr il-kunsens tas-sidien tal-fond, kif ukoll kien issulloka l-fond lil terzi, minghajr il-kunsens espress tas-sidien;*

*huma jixtiequ li fi tmiem il-kirja kurrenti jirriprendu l-pussess tal-fond.*

<u>*Talbu li*</u> *jigu awtorizzati biex fi tmien il-perjodu kurrenti tal-kirja jirriprendu l-pussess tal-fond; bl-ispejjez.*

*Ra s-sentenza tal-Bord (diversament presedut) tat-2 ta' Novembru 1993 li biha laqa' t-talba tar-rikorrenti.*

*Ra s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tal-25 ta' Marzu 1997 li ddikjarat is-sentenza tal-Bord nulla u bla effett baghtet l-atti lura biex il-kawza tinstema' fil-mertu.*

*Ra d-digriet tieghu tal-11 ta' Novembru 1988 li bih gew nominati periti teknici l-AIC Joseph Briffa u l-AIC Anthony Fenech Vella.*

*Ra r-rapport ta' l-imsemmija periti (fol 105).*

*Sema' x-xhieda bil-gurament;*

*Ra d-dokumenti esebiti u l-atti;*

*Ra n-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimat.*

*Ra l-verbal tat-23 ta' Novembru 2000.*

*Ikkunsidra,*

*1. Illi r-rikorrenti qed jitolbu li jiehdu f'idejhom il-fond minhabba ksur fil-kundizzjonijiet tal-kirja billi*

*a. l-intimat ghamel tibdil fil-fond, minghajr il-kunsens espress tas-sidien.*
*b. l-intimat issulloka l-fond lil terzi minghajr il-kunsens espress tas-sidien.*

*2. Fis-seduta tas-17 ta' Novembru 1998 ir-rikorrenti iddikjaraw illi*

*"jsostnu l-kawzali ta' tibdil fil-fond minghajr kunsens u li dan it-tibdil jirrigwarda tibdil ta' madum iktar minn dak li seta' kien miksur u l-installazzjonijiet ta' toilet taht it-tarag fejn ma kienx hemm". (fol 68)*

*Ir-rikorrent Carmelo Vella xehed kif gej dwar it-tibdil strutturali msemmi fir-rikors.*

*"huwa tibdil fil-madum u xi tibdil fil-katusi. Jiena naf dan ghaliex kien jigi d-dar taghna u kien jallega li ghandhom bzonn jinbidlu. Ahna konna tajnih il-kunsens taghna biex jaghmel dak li hemm bzonn u ma jmiss xejn izjed. Alterazzjonijiet strutturali li ghamel minghajr il-kunsens taghna jirrigwardaw twahhil ta' mirja mal-hajt u taht it-tarag dan ghamel toilet ghall-klijenti tieghu. Jista' jkun li hemm xi hnejja li giet imnehhija izda dwar dan m'hiniex cert ……*

*Jiena rrid nippreciza illi meta ahna tajnih il-kunsens, tajnieh il-kunsens sabiex jaghmel xi riparazzjonijiet fis-sistema tal-lucelettrika peress li huwa qal illi dan kien perikoluz u ahna ghednielu biex jaghmel dak li hemm bzonn. Anke ghal bdil tal-katusi tad-dranagg tajnieh il-*

*permess izda ma tajniex permess dwar li jibdel il-madum kollu. Jiena ma nafx jekk kienx hemm madum imkisser izda kieku kien hemm imkisser ahna tajnieh il-kunsens li jibdlu. Ahna konna ghidnilu biex ma jmiss xejn hlief jekk ikun hemm bzonn ta' riparazzjonijiet jew xi periklu". (fol 71-72).*

*2. Wara li ra x-xhieda kollha fuq dan il-punt u fiha r-rapport tal-periti teknici, l-Bord ma jista' bl-ebda mod jghid li l-intimat ghamel tibdil strutturali li jiggustifika zgumbrament. (ara Apell minn Bord 'Agius pro et noe vs Mifsud', 20/11/1998; Darmanin vs Galea, 24/4/98). L-art 9 tal-Kap 69 isemmi 'hsara hafna fil-fond' li mhux il-kaz. Ghalhekk il-Bord jichad it-talba tar-rikorrenti msejsa fuq tibdil strutturali fil-fond u jghid li talba bhal din tqarrab sewwa lejn il-frivolita`.*

*3. Ir-rikorrenti jallegaw li l-intimat issulloka l-fond lil terzi minghajr il-kunsens taghhom. Fis-sentenza taghha tat-12 ta' Lulju 1999 fil-kawza fl-ismijiet 'Richard Caruana vs Silvio Felice' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell qalet li*

*"… … mhux bizzejjed li l-Qorti tifli in iskritt maghmul bejn l-inkwilin u terzi minghajr ma tara ukoll x'kienu l-fatti kollha konkomitanti. Kieku l-Qorti kellha biss tistrieh fuq dak li jkun gie mnizzel fl-iskrittura u tieqaf hemm, allura wisq facli ghal min irid jevadi jew idur ma' dak li tiddisponi l-ligi, li jirredigi skrittura b'certu mod li biha biss ikun jista' jaghmel fattieh imqar jekk il-fatti tal-kaz ikunu juru mod iehor. Naturalment, trattandosi ta' fatti, dawn iridu jirrizultaw mill-provi akkwiziti u mhux prezunti. Dan ifisser ukoll li kull kaz irid jigi mistharreg fuq il-mertu u fattispecie proprju tieghu".*

*4. Illi skond l-iskrittura ta' 1 ta' Awissu 1989 l-intimat Victor Felice ghamel 'ftehim ta' negotiorum gestio' max-xhud Paul Abela. Skond l-art 1013 tal-Kodici Civili d-dmirijiet ta' negotiorum gestio huma:*

*"Jekk persuna ta' l-eta` u kapaci li tikkuntratta, minn rajha tindahal ghal affari ta' persuna ohra, hija ssir suggetta ghall-obbligu li tissokta fit-tmexxija ta' l-affari li tkun bdiet u*

*li twassalha sat-tmiem, sakemm il-parti interessata tkun tista' hija nnifisha tiehu hsieb dik l-affari, u ghandha tiehu hsieb ta' dak kollu li jkun jiddependi minn dik l-affari, u hija suggetta ghall-obbligazzjonijiet kollha li jgib mieghu l-mandat".*

*5. Skond il-ligi n-negotiorum gestio taqa' taht il-kwazi kuntratti. Il-ligi tuza l-kelma '<u>minrajha</u>'. Kif jghid it-Torrente*

*"taluno senza esservi obbligato, si intromette scientemente negli affari din un altro, che non sia in grado di provvedervi".*

*Skond in-noti tal-mikbi Professur Caruana Galizia:-*

*"Negotiorum gestio (management of affairs) is the management of one or more affairs of another person without being bound to and without a mandate".*

*(ara sentenzi:*
*'Bernard noe vs Attard', 22/5/1945 Vol XXXII-2-136*
*'Bernard vs Cassar', 17/7/1945 Vol XXXII-2-154*
*'Benjacar vs Galdes', 22/1/1920 Vol XXIV-2-132*
*'Busuttil vs Spiteri', 16/6/1921 Vol XXIV-2-605*
*'Scicluna vs Mifsud', 30/1/1922 Vol XXVII-1-45*
*'Bonnici vs Cutajar', 6/6/1928 Vol XXVII-1-1004*
*'Ellul vs Annati', 29/10/1928 Vol XXXB-p.951*

*Tabib Principali tal-Gvern vs Farrugia P.A., 5/2/1980*
*Ganado vs Grech Kum. 2/12/1976*
*O'Flaherty vs Vassallo P.A. 26/7/82*
*Poulton vs Agius P.A. 19/11/88*
*Mizzi vs Boffa App. 21/11/94*

*Illi ghalhekk dak li qed jinghad li hu ftehim ta' negotiorum gestio hu zbaljat. Bejn l-intimat u Abela sar ftehim. Abela ma qabadx jaghmel l-affarijiet minn jeddu u minghajr mandat. Ix-xhieda kollha hi f'dan is-sens.*

*8. a. L-iskrittura ggib id-data ta' l-1 ta' Awissu 1989. Izda jirrizulta li Abela dahal fil-hanut sentejn qabel. Abela stqarr*

*'Il-fond numru 132, Crossroad, Marsa ghamel xi zmien fil-pussess u kontroll tieghi. Dana wara li ghamilt ftehim ma' Victor Felice' u 'li kien ghaddieli l-hanut in kwistjoni mill-1987 u bqajt fih sal-1993' (fol 57)*

*b. L-intimat jghid li:-*

*'… Fl-1987 c-cirkostanzi tieghi dak iz-zmien, kont ser nizzewweg u ghedt insib lil xi hadd min jghini fil-hanut, iktar jehodli hsieb l-affarijiet' (fol 97)*

*3. X'gara bejn 1987-1989. Mill-accounts prezentati minn Abela jirrizulta li ghall-perjodu 1 ta' Awissu 1987 – 31 ta' Dicembru 1987 hu hallas bhala kera tal-fond <u>Lm459</u> (Dok. PAX 1). Ghas-sena li ghalqet fil-31 ta' Dicembru 1988 hallas bhala kera <u>Lm1825</u> (Dok. PAX2). Fl-accounts qed tintuza l-kelma '<u>rent</u>'. Ghas-sena li ghalqet fil-31 ta'*

*Dicembru 1989 fejn l-intimat kellu zewgt ihwienet (ara Dok. PAX3 p8) thallset bhala kera (rent) is-somma ta' Lm2889. L-ammont ta' Lm459 hu 'rent' bil-Lm3 kuljum (153 jum x 3) u l-ammont ta' Lm1825 hu 'rent' bil-Lm5 kuljum (153 jum x 3) u l-ammont ta' Lm1825 hu 'rent' bil-Lm5 kuljum (365 jum x 5).*

*4. Ghas-sena li ghalqet 1990 bhala 'rent' l-ammont indikat hu ta' Lm2889 minkejja li l-hanut l-iehor (Silvio Take Away) ma ghamel l-ebda attivita`. (PAX4). Hemm referenza ghal perjodu 1 ta' Gunju 1989 – 30 ta' Settembru 1989 meta l-intimat kellu hanut iehor. Dan ifisser li matul l-1990 il-hanut l-iehor ma ghamel l-ebda attivita` (PAX4, P7).*

*5. Ghas-sena li ghalqet 31 ta' Dicembru 1991 l-kera msemmi hu ta' Lm2889. L-istess gara ghas-sena 1992. (PAX5 u PAX6).*

*6. Ghas-sena 1993 fejn intemmu r-rabtiet bejn l-intimat u Vella thallas il-kera ta' Lm963 ghall-fond in kwistjoni ghall-perjodu 1 ta' Jannar – 30 ta' April 1993. Wiehed minn tlieta ta' Lm2889. Dan il-kera hu tal-fond in kwistjoni biss.*

*It-tieni skrittura bid-data tad-29 ta' Awissu 1991, fejn il-qliegh garantit ghall-perjodu 1 ta' Awissu 1991 – 31 ta' Lulju 1992 qed jigi mnizzel minn Lm3650 ghal Lm1825, ma taqbilx mad-dokument PAX5 u PAX6.*

*9. Skond il-ftehim ta' l-1 ta' Awissu 1989 il-perjodu stipulat kien ta' sitt (6) snin – klawzola 5. L-intimat jghid fuq mistoqsija ghal kemm zmien kien l-ewwel kuntratt:*

*'Sena, sena jiena kont inkun irridu' (fol 101)*
*'U zgur kull sena kont, ezatt' (ibid)*

*Ma jafx kemm il-darba mar ghand l-avukat biex jaghmel ftehim. Abela ukoll jghid li 'kull sentejn konna ngeddu l-perijodu tal-pussess tieghi' (fol 57).*

*10. Skond l-istess ftehim*

*‘(6) Illi inoltre qed jigi miftiehem li qliegh jew telf iehor mill-operazzjoni ghandu jkun a karigu tal-manager hlief ghal 1% li ghandu jibqa’ a kariku ta’ Felice u dan ghandu jigi rifless kemm fil-kaz ta’ qliegh u kif ukoll f’kaz ta’ telf. F’dan il-kaz (u cioe` fil-kaz ta’ telf) il-persentagg ta’ 1% ghandu jitnaqqas mill-ammont dovut lil Felice skond il-paragrafu (5) hawn fuq’.*
*(Sottolinear fl-iskrittura).*

*Dina l-klawzola kif redatta qed tillimita s-sogru ta’ Felice ghall-minimu. Barra dan qed torbot “qliegh jew telf iehor’ mal-qliegh assigurat (kelma sottolinejat mill-Bord) imsemmi fi klawzola (5). Qliegh assigurat li ghall-ewwel tlett xhur kellu jithallas bil-quddiem! (KLAWZOLA 15). Haga stramba li l-intimat qatt ma talab li jara l-accounts jekk kellu sehem minn xi qliegh iehor. (fol 70 xhieda ta’ Abela, fol 99-100 xhieda ta’ l-intimat). Il-klawzola 7 tal-ftehim kienet cara*

*‘Il-Manager ghandu fl-ahhar ta’ kull sena jaghti kopja tal-accounts tal-hanut li juru stampa cara ta’ kif mexa x-xoghol dik is-sena’.*

*11. Il-klawzola (4) ta’ l-ewwel ftehim*

*‘Il-Manager qed jinghata d-dritt li jopera l-hanut eskluzivament kif jidhirlu hu, bil-poteri kollha ta’ kontroll u minghajr indhil ta’ hadd’.*

*Mhiex klawzola li taqbel wisq ma’ dak li jinghad fin-nota ta’ osservazzjonijiet li l-intimat ‘ippermetta lil Paul Abela jmexxilu n-negozju fl-assenza tieghu … …”*

*12. M’hemmx spjegazzjoni ghaliex l-intimat jghid li Abela baqa’ fil-hanut sa Jannar 1992 u mhux sa Jannar 1993. (fol 97 u 98). Hemm ir-rendikonti ta’ Abela li juru li dam fil-fond sat-30 ta’ April 1993.*

*13. L-intimat jghid li lil Abela kien ihallsu jigifieri jaghtih paga u hu (l-intimat) kien jinghata l-profitti ukoll (fol 86).*

*14. Illi ghalhekk jirrizulta li l-intimat ghadda f'idejn Abela l-pussess tal-fond u t-tgawdija ta' l-istess. Sar ftehim ghal darba, darbtejn, biex tinheba sullokazzjoni. Fir-'Reports and Financial Statements' qed tissemma l-kelma 'rent' fl-ammonti kif fuq imsemmija. Fil-'balance sheet' ma hemm ebda hjiel li xi hadd hu msieheb ma' Abela fil-qliegh. Li kieku kien hemm xi sura ta' shubija fil-qliegh din kienet tissemma fil-balance sheet – haga elementari fix-xoghol ta' accountants u awdituri.*

*Il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrenti imsejsa fuq is-sullokazzjoni tal-fond lil terzi u jawtorizzahom jirriprendu pussess tal-fond 132, Cross Road; Marsa, ghall-fini ta' l-izgumbrament jipprefiggi t-terminu ta' tlett xhur mil-lum. Billi t-talba fuq l-ewwel kawzali giet michuda xieraq li jkun hemm temperament fl-ispejjez. Dawn ghandhom jithallsu in kwantu ghall-wiehed minn tlieta ($^1/_3$) mir-rikorrenti u l-bqija mill-intimat.*"

Rat ir-rikors tal-appell tal-intimat fejn gie premess :-

1. Illi permezz ta' rikors, ir-rikorrenti talbu ir-ripreza tal-fond 132, Cross Road, Marsa ghall-zewg motivi u cioe` (1) billi ghamel tibdil fil-fond minghajr il-kunsens tas-sidien u (2) billi ssulloka l-fond minghajr il-kunsens espress tas-sidien.

2. Illi b'sentenza tat-30 ta' Jannar, 2001, il-Bord li Jirregola l-Kera laqa' t-talba tar-rikorrenti imsejsa fuq is-sullokazzjoni tal-fond lil terzi u awtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess tal-fond 132, Cross Raod, Marsa u ghall-fini ta' zgumbrament ipprefiggiet terminu ta' tlett xhur. L-ispejjez sopportabbli kwantu ghal terz mir-rikorrenti u zewg terzi mill-intimat.

3. Illi l-esponenti hass ruhhu aggravat b'din is-sentenza u minnha qed jinterponi appell quddiem din l-Onorabbli Qorti.

4. Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:-

(A) Il-Bord wasal ghall-konkluzjoni illi l-ftehim bejn l-intimat u Paul Abela ma kienx "negotiorum gestio" u dan billi "negotiorum gestio" jirreferi ghall-kuntratt differenti.

L-esponenti jisottometti illi meta huwa ffirma il-kuntratt in kwistjoni, l-isem bil-Latin kitbu l-konsulent legali tieghu. L-importanza ewlenija m'hix fuq l-isem moghti lill-kuntratt izda s-sustanza tal-kuntratt u cioe` jekk fis-sustanza, l-ftehim jammontax ghall-kirja tal-avvjament jew sullokazzjoni tal-fond.

(B) Mill-provi inkontestati rrizulta illi l-esponenti kellu jillarga minn Malta ghal ragunijiet personali u fl-assenza tieghu minn Malta, ried li xi hadd jehodlu hsieb in-negozju tieghu gestit minn 132, Cross Road, Marsa; sab lil certu Paul Abela, li ghal tlett snin u nofs ghamel dan.

Irrizulta mill-provi illi:-

(i) Il-permess (trading licence) baqa' dejjem f'isem l-intimat Victor Felice li ghalhekk <u>qatt</u> ma svesta ruhhu legalment mill-proprjeta` tal-avvjament tal-bar/ristorant.
(ii) L-attrezzaturi kollha (bank, imwejjed, siggijiet, platti, pozati, ecc) kienu u baqghu proprjeta` tal-intimat Victor Felice.
(iii) Mar-ritorn tieghu mill-Italja, l-intimat rega' ha lura l-avvjament f'idejh u kollox rega' lura bhal qabel.

Dan juri minghajr ebda dubbju illi tghajjatlu x'tghajjatlu il-ftehim bejn l-intimat u Paul Abela, zgur li mhux sullokazzjoni – li necessarjament jimplika l-kirja tal-bare premises, li skond il-Kap. 69, huwa bla terminu.

(C) L-esponenti jirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell “Dolores Brincat vs Mario Debono” deciza fid-29 ta’ Mejju, 1985, fejn il-Qorti ddecidiet illi kuntratt simili ghal dak in ezami ma kienx jammonta ghal sullokazzjoni izda kien kuntratt “sui generis”.

F’din is-sentenza, il-Qorti dahlet fil-kwistjoni jekk hlas ta’ somma fissa u regolari kienx necessarjament jimplika sullokazzjoni u l-konkluzjoni kienet fin-negattiv.

(D) Il-Bord ghamel enfasi fuq il-fatt li fl-“accounts” ta’ Paul Abela, il-korrispettiv imhallas kien jissejjah “rent”. Il-Bord wasal ghall-konkluzjoni illi dan il-fatt kien necessarjament jimplika sullokazzjoni; l-esponenti jissottometti li din il-konkluzjoni mhix korretta ghal zewg motivi:-

(a) X’kien isejjah dan il-pagament is-Sur Abela m’ghandux ikollu effett fuq it-titolu reali u sostantiv tal-esponenti.

(b) F’kull kaz, il-hlas ghall-kiri tal-avvjament xorta jissejjah kera (rent) izda dan il-fatt mhux necessarjament iwassal ghall-konkluzjoni li l-fond kien issullokat.

(E) L-esponenti ghalhekk jissottometti bir-rispett illi l-evalwazzjoni tal-Bord tal-iskrittura bejn l-intimat u Paul Abela ma hix korretta. Is-sustanza tal-iskrittura u l-fatti kif irrizultaw mill-provi ghandhom iwasslu ghall-konkluzjoni opposta.

Ghalhekk l-intimat appellat talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tat-30 ta’ Jannar 2001, billi tichad it-talba tar-rikorrenti – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellat;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-appell minn naha tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Mejju 2003;

Ikkonsidrat:

Ir-rikorrenti qed jitolbu li jigu awtorizati jirriprendu l-pussess tal-fond 132, Cross Road, Marsa mikri lill-intimat bil-kera ta’ Lm65 fis-sena. Ir-rikorrenti qed jallegaw li l-intimat kiser il-kundizzjonijiet tal-kirja billi ghamel tibdil fil-fond minghajr il-kunsens taghhom kif ukoll issulloka l-fond lil terzi minghajr il-kunsens taghhom;

Bis-sentenza tieghu tat-30 ta’ Jannar 2001 il-Bord li Jirregola l-Kera fl-ewwel lok cahad it-talba ghar-ripresa kif ibbazata fuq il-premessa dwar it-tibdil fil-fond, pero’ fit-tieni lok laqa’ l-istess talba fuq il-kawzali tas-sullokazzjoni tal-fond lil terzi u ghal finijiet tal-izgumbrament ipprefigga t-terminu ta’ tlett (3) xhur mid-data tal-istess sentenza u ordna li l-ispejjez jithallsu in kwantu ghall-wiehed minn tlieta ($^1/_3$) mir-rikorrenti u l-bqija mill-intimat;

L-intimat hass ruhu aggravat bl-imsemmija sentenza u interpona dan l-appell, fejn qed jintalab li din il-Qorti tirrevoka l-imsemmija sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tat-30 ta’ Jannar 2001 u dan billi t-talba tar-rikorrenti tigi michuda, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti;

Fl-imsemmija sentenza l-Bord li Jirregola l-Kera l-ewwel ikkonkluda li bl-ebda mod ma jirrizulta li l-intimat ghamel tibdil strutturali tali li jista jiggustifika ir-ripresa tal-fond da parti tar-rikorrenti u ghalhekk il-Bord cahad it-talba tar-rikorrenti msejsa fuq l-allegazzjoni li sar tibdil strutturali. Hu ovvju li l-intimat ma appellax minn din il-parti tad-decizjoni. Lanqas ma sar appell incidentali minn naha tar-rikorrenti. Ghalhekk mhux il-kompitu ta’ din il-Qorti li tesamina ulterjorment din il-kwestjoni;

L-aggravju tal-intimat jirreferi ghal dik il-parti tas-sentenza fejn il-Bord laqa’ t-talba tar-rikorrenti kif ibbazata fuq il-

kawzali tas-sullokazzjoni. Principalment l-aggravju tal-intimat appellant jirreferi ghall-fatt li l-Bord wasal ghall-konkluzjoni illi l-ftehim bejnu u Paul Abela ma kienx "negotiorum gestio". Huwa minnu li l-Bord wasal ghal din il-konkluzjoni, pero' ma waqafx hemm;

In effett il-Bord esamina akkuratament l-kwestjoni tas-sullokazzjoni u kkonsidra fuq l-iskorta ta gurisprudenza nostrana li m'ghandiex biss tigi esaminata l-iskrittura li saret bejn l-intimat u t-terz (Abela) izda ghandhom jigu esaminati l-fatti kollha konkomitanti. Kull kaz irid jigi mistharreg fuq il-mertu, c-cirkostanzi u l-fattispecie proprji tieghu;

Il-Bord esamina l-elementi li ghandhom jissussistu sabiex necessarjament ikun hemm il-kuntratt ta' "negotiorum gestio" u kkonkluda li l-ftehim in kwestjoni ma jistax jigi konsidrat wiehed ta' 'negotiorum gestio'. Il-Bord kompla biex esamina il-fatti u c-cirkostanzi kollha sabiex fuq l-iskorta ta' gurisprudenza nostrana jistabilixxi x'kienet il-vera intenzjoni tal-kontraenti. Huwa ikkonsidra diversi fatti u fatturi bhal per esempju li l-intimat kien jithallas ammont regolarment minn Abela, liema ammont kien jizdied ta' kull sena u dawn l-ammonti fil-kotba tan-negozju ta' Abela kienu deskritti bhala 'rent'. Il-Bord ikkonsidra ukoll li s-sogru tal-intimat kien gie ridott ghall-minimu u kkonsidra ukoll li Abela qatt ma ta' rendikont tal-gestjoni tieghu lill-intimat;

Wara dan kollu l-Bord ikkonkluda, a bazi tar-rizultanzi, li l-intimat kien ghadda f'idejn Abela l-pussess tal-fond u t-tgawdija tieghu u kkonkluda ukoll li l-iskritturi bejn l-intimat u Abela saru appuntu biex tinheba s-sullokazzjoni, tant li mill-kotba tan-negozju ta' Abela ma tirrizulta ebda indikazzjoni li Abela kellu xi sieheb jew partner li kien jaqsam fil-qliegh;

Fir-rikors tal-appell il-konsiderazzjonijiet li ghamel l-intimat appellant principalemtnt jirreferu ghal kwestjonijiet ta' fatt u mhux ta' ligi, filwaqt lil-Bord esamina bir-reqqa l-implikazzjonijiet legali kemm tan-negotiorum gestio kif ukoll tas-sullokazzjoni. Il-Bord esamina ukoll ic-cirkostanzi

u l-fatti rizultanti u kien korrett meta kkonkluda li l-ftehim bejn l-intimat u Abela kien wiehed ta' sullokazzjoni;

Ghal dawn il-motivi s-sentenza appellata timmerita li tigi konfermata fl-interezza taghha u ghalhekk l-appell tal-intimat appellant ghandu jigi michud;

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi tichad l-appell tal-intimat appellant u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li t-terminu ta' tlett (3) xhur prefiss ghal finijiet tal-izgumbrament ghandu jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza;

L-ispejjez kollha ta' dan l-appell kontra l-intimat appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------